**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 48 – 10 ta' Mejju 2018**

***Minuti tat-48 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis 10 ta' Mejju, 2018 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 48. Il-laqgha bdiet fil-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**48.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Bongailas ma setax jattendi ghal din il-laqgha.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 47 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

**48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.3.1 Is-Sindku Sarah Agius resqet offerta minghand il-JACAP sabiex tinkiteb il-poezija ta' Dun Karm bl-isem 'Wied Qirda' fuq pjanca stainless steel. Din l-offerta tammonta ghal Eur925 inkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel unanimament li jigi mnehhi il-monument kollu u jinbena hajt iehor zghir u titwehhel il-pjanca mieghu. Sar qbil unanimu li jithawlu sigar tal-fraxxnu, kif ukoll issir tabella b'informazzjoni biswit il-bini li kien iservi bhala Dejma vicin il-Kappella Wied Qirda.

48.3.2 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li l-ilqugh ta' sqaq f'Wied Incita ser isir mill-Works Department. Dan minhabba li l-isqaq huwa f'livell gholi hafna aktar mil-ghelieqi.

48.3.3 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni korrispondenza mibghuta minn Grima Construction ghall-armar ta' tower crane bejn Triq Santa Marija u Triq Mikielang Sapiano, fejn inghataw ragunijiet ghaliex ma setghax jigi armat fil-hamrija ta' faccata. Il-proposta l-gdida tghid li parti minnu jintrama fit-triq u l-parti l-ohra fis-sit ta' kostruzzjoni, kif prezentata fil-pjanta. Sar qbil unanimu li jinhareg il-permess ghal dan it-tower crane, filwaqt li temporanjament jigi armat bus shelter ghat-tfal tal-skola.

48.3.4 Gie maqbul unanimament li ssir applikazzjoni imsejha DNO sabiex isiru xoghlijiet hdejn Bieb de Rohan, fuq il-pavimentar tal-madwar u anke s-sigar.

48.3.5 Wara li trangaw il-gwienah tal-ajkla, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienu ser jsir tentattiv sabiex il-funtana tal-ajkla tibda tarmi l-ilma minn halqha.

48.3.6 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li kienet infurmata li mad-dahar tal-Kappella ta' San Rokku ma hajt ta'dar ohra hemm arlogg tax-xemx, li ghandu bzonn manutenzjoni hafifa sabiex jigi priservat. Il-Works' Co-ordinator kien diga nghata parir mill-Perit Mario Ellul ta' x'metodu ghandu jintuza biex jigi restawrat. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill ukoll dwar arlogg mekkanizzat iehor li jinsab fir Triq il-Kbira, liema arlogg ma jahdimx, u li l-unika minutiera li ghandu hija nieqsa. Sar qbil unanimu li ghandhom jittiehdu l-mizuri sabiex dawn iz-zewg arloggi jigu priservati, minhabba li dawn huma parti mill-Heritage trail Zebbugi.

**48.4 Festa 2018**

48.4.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat bl-andament tal-laqgha li saret maz-zewg kazini dwar il-festa ta' din is-sena. Hija nfurmat lill-Kunsill li ghal din il-laqgha li ghaliha kienu mistednin kemm il-President u anke s-Segretarju taz-zewg kazini, pero minflok ghal din il-laqgha intbaghtu rapprezentanti ta' dawn il-kazini. Dwar it-talba li saret mill-Kazin Banda San Filep sabiex issir toqba ohra sabiex takkomoda bandalora, il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha ssir. Pero' din ghandha tkun l-ahhar sena li fiha ser jinghataw permessi sabiex jithaffru toqob ghal kwalunkwe tip t'armar. Din il-mozzjoni saret mis-Sindku Sarah Agius u giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

48.4.2 Gie maqbul ukoll li bhas-sena li ghaddiet il-bejjiegha tal-Monti li ghandhom 'perishable items' jithallew jbieghu is-Sibt man-naha tas-Social Services.

48.4.3 Gie maqbul ukoll li mal-hoarding li jintrama mill-Kazin 12th May, ghandu jkun hemm dawl adegwat.

48.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinhargu l-permessi li jinhargu s-soltu sabiex tittella' x-show tan-nar fi triq Giovanni Pullicino.

48.4.5 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li l-Kazin Banda San Guzepp talab li jsiru zewg toqob ghan-nar tal-art. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn iz-zewg toqob filwaqt li reggha fakkar li din is-sena hija l-ahhar sena li fiha jinghataw permessi sabiex isiru toqob godda.

**<u>48.5 Triq Gdida fi Triq is-Siggiewi</u>**

Din it-triq li tinsab taht il-benniena ta' Triq is-Siggiewi hija bla isem, ghalkemm ghar-residenti t-triq taghhom hija estensjoni ta' Triq is-Siggiewi u ghalhekk hija maghrufa bl-istess isem. Il-Kunsillier George Cortis ppropona li din it-triq tissemma' Triq l-Ghannejja. Kien hemm qbil unanimu.

**<u>48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu ghall- vot tal-flus.

**<u>48.9 Twegibiet Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**48.10 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghal-18 ta' Gunju 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-8:35pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |